# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Marzu 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 122/2007 PC**

**Raymond Buttigieg**

**vs**

**Adrian Psaila u Carmen Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti huwa proprjetarju i fil-pussess ta' porzjon raba magħrufa bħala 'Ta' Żabbetta' fl-inħawi ta' Triq Pisoniano fil-limiti ta' Sannat, Għawdex – u għal din ir-raba jaċċedi, fost mezzi oħra minn fuq passaġġ illi jinsab fuq in-naħa tal-lvant tagħha, u dan kemm bir-riġel kif ukoll bl-inġenji;

Illi fil-jiem immedjatament wara s-17 ta' Settembru 2007, il-konvenuti jew min minnhom, personalment jew permezz ta' terzi, qabdu u mblokkaw il-passaġġ imsemmi billi qegħdu kwantita' kbira ta' kantuni fil-viċinanzi mmedjati tal-fetħa fil-ħajt diviżorju bejn ir-raba tal-esponenti u dan l-istess passaġġ b'tali mod u manjiera illi impedew l-aċċess da parti tal-esponenti minn fuq dan il-passaġġ;

Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandenstin għad-dannu tal-esponenti;

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi intom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi meta fil-jiem immedjatament wara s-17 ta' Settembru

2007 intom jew min minnkom, personalment jew permezz ta' terzi imblokkajtu l-aċċess li l-attur kien igawdi minn fuq il-passaġġ illi jiġi fuq in-naħa tal-lvant tal-art tiegħu fuq deskritta għall-istess raba tiegħu;

2. Tikkunnakom biex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi prefiss intom tirreintegraw lill-attur fil-pussess tiegħu billi terġgħu tiftħu dan il-passaġġ mill-ġdid;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel ix-xogħol neċessarji huwa a spejjeż tagħkom, u taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż kontra tagħkom, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-attur kontra tagħkom – senjatament azzjoni għad-danni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi preliminarjament l-intempestivita' ta' din il-kawża stante illi l-esponenti Adrian Psaila u Carmen Vella qatt ma ġew interpellati qabel saret il-kawża sabiex ineħħu l-kantuni li qed jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti. Għalhekk huma m'għandhom ibagħtu l-ebda spejjeż;

2. Illi dan ir-rikors għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti atturi stante illi l-att illi qed jilmentaw minnu r-rikorrenti atturi ma jissustitwix u lanqas ma jeżistu l-elementi rikjesti mill-liġi sabiex tkun tista' issir kawża ta' spoll stante illi la kien hemm att vjolenti u lanqas klandestin;

3. Illi l-esponenti jirrespinġu bil-qawwa l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti atturi stante illi mhux minnu illi impedew l-aċċess tar-rikorrenti atturi lejn ir-raba' tagħhom u dan stante illi kfi qalu r-rikorrenti stess dan il-passaġġ huwa wieħed mid-diversi mezzi li huma għandhom u barra minn hekk ir-raba' in kwistjoni tar-rikorrenti għandha faċċata fuq triq pubblika;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-attur.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili,li jikkontempla din l-azzjoni,huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li,ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh,ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs.Fischt,Volum XIII, P.1,pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili,li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943,in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili,20 ta' April 1916,in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917;Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899,in re Decarcano vs.Cafici,Foro Catanese Vol.1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi);….."*.[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deduxisse*).

*"Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat,l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra."*[2]

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit: Prim'Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-attur qed jilmenta għax il-konvenuti, jew aħjar il-ħaddiema minnhom inkarigati, imblukkawlu l-passaġġ li minnu jgħid li jidħol biex jaċċedi għal żewġ għelieqi li għandu fil-ġenb tal-istess passaġġ. Dan ġara għaliex kwantita' ta' kantuni tal-ġebel li tħattew mill-binja tal-konvenuti u tħallew f'dan il-passaġġ b'tali mod li l-attur ma setax jidħol fl-istess passaġġ bil-vettura u inġenji tiegħu kif kien jagħmel qabel. Il-konvenuti ma jiċħdux li għal xi żmien tassew kien hemm dawn il-kantuni fil-passaġġ. Madankollu jissottomettu li ma jikkonkorux l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din.

IL-PUSSESS

Dwar l-ewwel element, indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, ingħad:

"Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-reintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espessjoni wżata mill-liġi – "possession of whatever kind" – dak li jinteressana f'dal każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' tesiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess' l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ipposseda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix."[3]

Mhux kontestat li l-attur kien jgħaddi minn dan il-passaġġ biex minn Triq Pisoniano, Sannat, jaċċedi għar-raba tiegħu magħrufa "ta' Żabbetta" f'dawk l-inħawi. Anzi jirriżulta li l-konvenuti ftit qabel ma ġiet istitwita din il-kawża kienu fetħu kawża kontra l-attur presenti proprju sabiex jiġi miżmum milli jkompli jaċċedi minn dan il-passaġġ sabiex jidħol fil-raba tiegħu.[4]

L-iSPOLL

L-anqas huwa kontesat li għal xi żmien dan il-passaġġ f'xi partijiet minnu kien ġie ngumbrat mill-ħaddiema imqabbdin mill-konvenuti sabiex jagħmlulhom alterazzjonijiet fil-fond proprjeta' tagħhom f'dan il-passaġġ. Irriżulta li sew il-kuntrattur Toni Muscat, kif ukoll il-bennej John Spiteri, fil-kors tax-xogħol tagħhom f'dan il-fond ħattew xi ħitan mill-faċċata u poġġew diversi kantuni fil-passaġġ. Sew il-konvenuti, kif ukoll ix-xhieda

3 Fenech vs Zammit, ġia ċċitata
4 Ara Rikors Ġuramentat numru 83/2007 fl-ismijiet inversi

minnhom prodotti, inklużi il-kuntrattur, il-bennej u l-pulizija li marru jinvestigaw wara li kien sarilhom rapport mill-attur, sostnew li minkejja li kien hemm dan il-ġebel fil-passaġġ, xorta kien għad fadal madwar metru liberu li minnu wieħed seta' jgħaddi faċilment. Madankollu mir-ritratti esebiti mill-attur jidher b'mod evidenti li għal xi ħin, il-ġebel mitluq fil-passaġġ kien tassew qed jimblokka l-pasaġġ.[5]

Il-konvenuti jissottomettu, li għalkemm jemmnu li l-attur m'għandu l-ebda dritt jgħaddi minn dan il-passaġġ li huma jsostnu li huwa proprjeta' tagħhom, il-ġebel ma tqegħdux hemm ħalli jostakolawlu l-aċċess, imma biex jiffaċilitaw ix-xogħol għall-ħaddiema tagħhom, li riedu jużaw l-istess ġebel li kien inħatt, fil-bini mill-ġdid tal-faċċatta tal-fond tagħhom. Imma kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell:

*"B'liema motiv jew animu (il-konvenut) ghamel hekk, huwa ghal kollox irrilevanti. Kif il-Qorti kellha okkazjoni tesprimi ruhha fis-sentenza taghha tad-9 ta' Marzu 1992, in re* ***C. Cardona vs Francesco Tabone et****: 'il-ligi taghna – fl-azzjoni ta' l-ispoll – jigifieri fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' li spoll. Indagini limitattissima rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest ta' l-ordinament guridiku taghna... L-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli 'l hadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament, u hija intiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss – kif jghid bl-aktar mod car l-art.791(1) Kap.12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.'"*[6]

IŻ-ŻMIEN

Jidher li l-ikbar ostakolu li qed jiffaċċja l-attur f'din il-kawża jirrigwarda l-**element taż-żmien** li fih setgħet ġiet istitwita din il-kawża. Huwa qed jgħid li dan il-ġebel tqiegħed fil-passaġġ bejn il-ħdax (11) u l-għoxrin (20) ta' Settembru 2007. Ma kienx f'posizzjoni jgħid meta attwalment seħħ dan ix-xogħol, u fisser li jemmen li seħħ bejn dawn id-dati għax meta mar fl-ewwel data msemmija ma kien hemm xejn, u kien induna bihom meta reġa' mar fl-20 ta' Settembru.[7]

Minn naħa l-oħra l-atturi jinsistu li dan il-ġebel qegħdu hemm il-kuntrattur Toni Muscat meta kien qed iħott il-faċċata tad-dar tagħhom fit-30 ta' Awwissu 2007, u dan kif jirriżulta min-notament tiegħu esebit

---

[5] Ara ritratti RB 1 sa RB 4 esebiti a fol. 14,15 tal-proċess
[6] Rosina Agius et. vs Angelo Agius et. (kollez. Vol.LXXVIII.ii.319)
[7] Ara xhieda tiegħu a fol.249 tal-proċess

mal-affidavit tal-konvenuta,[8] u mill-kont dwar ix-xogħolijiet minnu magħmula, fejn hemm indikat li dan ix-xogħol twettaq fit-**30 ta' Awwissu 2007**, u tkompla fit-28 ta' Marzu 2008, fit-2 ta' April 2008, fis-7 ta' Lulju 2008 u l-11 ta' Awwissu 2008.

Toni Muscat jgħid li dan il-ġebel poġġieh hu stess fil-passaġġ meta kien qed iħott il-faċċata tal-fond tal-atturi fit-30 ta' Awwissu 2007, u dik il-parti tax-xogħol ma ħaditlux iżjed minn jumejn jew tlieta.[9] Il-bennej John Spiteri jgħid li hu wkoll qiegħed xi ġebel fil-passaġġ sakemm reġa' bena l-faċċata, u dan il-ġebel tpoġġa fuq dak li kien ħalla il-kuntrattur qablu. Dan ix-xogħol jgħid li għamlu f' "*Settembru jew Ottubru tat-two thousand and seven (2007) jekk m'hinix sejjer zball.*"[10]

Għalhekk anke jekk nieħdu l-iżjed żmien favorevoli għall-attur, u ċioe' dak meta tiegħed il-ġebel mill-bennej, xorta waħda d-data tal-ispoll tibqa' waħda inċerta. Kif ġie mfisser b'mod inekwivoku mill-qrati tagħna:

"*…l-azzjoni trid tigi esercitata fi zmien xahrejn. Dan ghaliex meta l-pussess ma jkunx kostanti u reali, hu facli biex meta jsir att spoljattiv l-attur jilmenta li ma kienx jaf bih hlief ftit gimghat qabel giet intavolata l-kawża. Dan skond diversi sentenzi ma hux bizzejjed ghaliex il-kliem tal-ligi u cioe' l-Artikolu 535(1) tal-Kap.16 hu car, u cioe' li l-azzjoni trid tigi ntavolata mhux iktar minn xahejn qabel sar l-ispoll u ezattament fi zmien xahrejn mill-ispoll. Infatti fil-kawża deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Michael Mamo vs Philip Grima', fis-7 ta' Frar 1958, gie ritenut illi: 'Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll u mhux minn meta l-attur sar jaf bih, u kwindi l-azzjoni tkun perenta jekk tigi esercitata wara xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll, avolja l-attur ma jkunx jaf bih fil-waqt'.*" [11]

Għalkemm din il-kawża ġiet istitwta inqas minn xahrejn wara li l-attur sar jaf li l-passaġġ ġie ingumbrat bil-ġebel,[12] madankollu ma jistax jingħad f'din l-inċertezza, li saret fiż-żmien stipulat mil-liġi, għax din ma tirrikjedix li l-kawża ssir fi żmien xahrejn minn meta min ikun ġie spoljat sar jaf bil-fatt, imma li tkun saret fi "ż**mien xahrejn mill-ispoll**".[13] Ġialadarba għalhekk l-attur ma kienx f'posizzjoni jagħti d-data preċiża tal-allegat spoll, jew għall-inqas jippruva li dan kien twettaq mhux iktar minn xahrejn qabel ma ġiet istitwita l-kawża, l-azzjoni tiegħu ma tistax tirnexxi.

---

[8] Ara affidavit tagħha esebit bħala Dok.CV a fol. 28 – 34; u Dokti,E u F a fol.51,52 tal-proċess
[9] Ara konto-eżami tiegħu a fol . 316
[10] Ara xhieda tiegħu in kontro-eżami a fol.286
[11] Prim'Awla: Kevin Azzopardi et vs Lawrence Mifsud: 28.04.2004
[12] Din il-kawża ġiet intavolta fis-7 ta' Novembru 2007
[13] Art.535(1) tal-Kap.16

Peress illi rriżulta li l-ispoll kien ġie reintegrat jumejn biss wara li ġiet intavolata din il-kawża,[14] u l-partijiet fuq dan jaqblu wkoll, l-iskop rimanenti ta' din il-kawża kien biss biex jiġi deċiż il-kap tal-ispejjeż. Billi ġie stabilit li jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa mil-liġi f'kawża ta' spoll, u ċioe' dak taż-żmien, biex il-kawża tal-attur tkun tista' tirnexxi, l-ispejjeż tagħha għandhom jiġu ssoportati unikament mill-istess attur.

Għaldaqstant tiddeċidi dwar il-kap tal-ispejjeż ta' din il-kawża billi tordna li dan għandu jiġi ssoportat mill-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

01.03.2016 – Ċitz122.2007 – Buttigieg Raymond vs Psaila Adrian et
2007

[14] Ara kopja tal-affidavit tas-surgent Edelon Spiteri ppresentata fil-kawża kriminali li saret in konnessoni ma' dan l-inċident, u esebita a fol.137 -138